MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 760/2007

Swatar M&B Limited (C21809).

Vs

Ivan Debono (Id. 723061M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ sitt mija u disa u sebghin lira Maltin (Lm679.00) rapprezentanti mizati ta’ l-iskola St. Martin’s College, proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, ghal servizzi edukattivi debitament ipprovduti lil Oliver Debono, bin il-konvenut. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi (i) t-talba tas-socjeta’ attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta); u (ii) illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut m’ghandu jhallas l-ebda ammont lis-socjeta’ attrici, u dana stante illi kwalunkwe ammont li kien dovut

huwa llum kollu mhallas u saldat u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u (iii) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Maria Felice prodotta mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Claire Camilleri prodotta mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew pprezentati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dan l-Artikolu jiddisponi hekk kif gej:-

*‘L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:-*

*(c) L-azzjonijiet ta’ dawk li ghandhom djar ta’ edukazzjoni, jew ta’ taghlim, ta’ liema xorta jkunu, ghall-hlas tad-dritt taghhom.’*

Illi mill-provi prodott jirrizulta ampjament car illi t-talba attrici tikkoncerna l-ispejjes edukattivi tat-tifel Oliver ghas-sena skolastika 2001/2002 u ghas-sena skolastika 2002/2003.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont mitlub permezz ta' xi att gudizzjarju li setgha jinterrompi l-perjodu preskrittiv fuq imsemmi. Fil-fatt l-uniku att gudizzjarju li gie esebit mis-socjeta' attrici hija l-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 2006, li pero tirrigwarda ammont dovut in konnessjoni mat-tifel Jamie (u mhux Oliver) kif ukoll ammont differenti minn dak mitlub fil-kawza odjerna.

Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-konvenut qatt kien ammetta li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna kien dovut minnu, kontrarjament ghal dak li qed tallega s-socjeta' attrici. Anzi jidher li l-konvenut minn dejjem cahad li kien hemm xi ammont pendenti li kien dovut.

Illi mid-dokument li jinsab a fol.44, u cioe il-'statement transaction history', jirrizulta li fir-rigward ta' dawk il-mizati li qedin jintalbu permezz tal-kawza odjerna, u cioe dak ghas-snin in ezami, l-konvenut kien ghamel zewg pagamenti akkont u cioe wiehed fl-1 ta' Settembru 2002 fl-ammont ta' Lm300 u l-iehor fit-13 ta' Marzu tas-sena 2003 fl-ammont ta' Lm150, biex b'hekk skond is-socjeta' attrici, kien fadal il-bilanc dovut ta' Lm679 kif qed jintalab.

Illi ghalhekk jirrizulta car li mill-ahhar pagament li sar mill-konvenut f'Marzu tas-sena 2003 sa meta infethet il-kawza odjerna fil-5 ta' Ottubru 2007 ghaddew ferm aktar minn tmintax-il xahar, u b'hekk it-talba attrici hija fil-fatt preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut u b'hekk jichad it-talba attrici bl-ispejjes tal-kawza kontra taghha.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------